TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Annabel Desira**

**Vs**

**Brian Vella - Aercomms**

CCT 55/23/CC

Illum 18 ta' Awissu 2023

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fid-29 ta' Marzu 2023, fejn talbet ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €440 (erba' mija u erbghin ewro) rapprezentanti ammont imhallas mir-rikorrenti sabiex jinxtara scooter minghand l-intimat.

Ra li l-intimat debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, fit-8 ta' Mejju 2023 ipprezenta risposta relattiva ghat-talba avvanzata mir-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumenti pprezentati minn entrambi l-partijiet.

Sema' lir-rikorrenti u r-rapprezentant ta' l-intimat jixhdu bil-gurament fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li f' Gunju 2022 ir-rikorrenti xtrat scooter minghand l-intimat, liema scooter kien kopert b'garanzija ta' sitt xhur. F'Ottubru 2022 l-iscooter zviluppa hsara, u r-rikorrenti kkuntatjat lil intimat. Gara li l-intimat dam ma wiegeb lir-rikorrenti li fil-frattemp kienet anke' qed teccedi l-hanut ta' l-intimat u ssibu maghluq. Sussegwentement kien hemm kuntatt bejn il-partijiet u l-intimat ta xi parts ta' l-iscooter lir-rikorrenti, sabiex jigu sostitwi. Ghal ftit gimghat l-iscooter gie jahdem, izda f'Dicembru 2022 rega waqaf. Ir-rikorrenti, konsapevoli li t-terminu tal-garanzija kien ser jaghlaq fi zmien qarib, ikkuntatjat lil intimat. Illi jirrizulta li l-intimat ma bidilx l-iscooter, u ma intlahaqx ftehim bejn il-partijiet.

Illi l-intimat tramite r-rispostaipprezentata minnu fl-atti ta' dawn il-proceduri, jispjega li huwa bonarjament ta diversi parts ta' l-iscooter lir-rikorrenti, u li da parti tieghu ghamel minn kollox sabiex il-vertenza tigi konkluza. Da parti tar-rikorrenti, li ddeponiet quddiem dan it-Tribunal fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2023 hija tichad li hija irceviet xi parts minghand l-intimat.

Illi minn analizi tal-provi prodotti, t-Tribunal jinnota li l-intimat naqas li ma bidilx l-iscooter meta dan zviluppa hsara, u kienet ir-rikorrenti li kkuntatjat lil intimat minnufih dwar tali hsara. It-Tribunal jirrileva ulterjorment li l-punti sollevati fir-risposta ta' l-intimat ma humiex konfermati bil-gurament, u l-versjoni mressqa mir-rikorrenti ma hijiex bl-ebda mod kontradetta. Ghaldaqstant, tali versjoni tar-rikorrenti timmerita konferma.

Illi di piu, t-Tribunal jinnota ulterjorment d-dokumentazzjoni ipprezentata mir-rikorrenti, fejn il-versjoni tal-fatti tar-rikorrent hija ikkorraborata min tali dokumentazzjoni.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrent irnexxielha tipprova l-istanza taghha sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnha ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrenti, u jordna lil intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' €440 (erba' mija u erbghin ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimat.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070